# Is-Siġra tal-Milied

*Trevor Żahra*

Illum Jum ir-Repubblika,
U qegħdin hawn, għall-kwiet,
Għalhekk missieri qal 'l ommi:
"Illum narmaw is-siġra tal-Milied!"

Imma jiena ma stajtx ngħinhom
Għax il-*homework* għadu mhux lest,
U qabel il-vaganzi,
Is-Ser se jagħtina test.
Paul ħareġ ma' tal-*Youth Centre,*
Marru xi mkien Ta' Xbiex;
U Jane żgħira wisq biex tgħinhom,
Missieri ma jafdahiex.
Mill-kċina bdejt nismagħhom,
Waqt li kienu qed jarmaw,
Jiftħu l-kaxxi u jiddiskutu,
Jidħku u jirrakkontaw:

Lil ommi smajtha tgħidlu,
"Tiftakar meta xtrajnieha?
Ftit wara li żżewġina ...
Bqajna nibżgħu għaliha!"
"Dażgur illi niftakar,
Kien l-ewwel Milied, għandu jkun...
Xtrajnieha madwar għoxrin lira,
Mingħand Pisani ... tal-Ħamrun!"

U hekk komplew jitħaddtu,
Iżejnu u jiċċaċċraw
Idendlu ċ-ċfuf u l-blalen
U jtennu kemm xorti ġraw!
Bħalma meta, xi snin ilu,
Kellhom jonfqu kemxa flus,
Meta s-siġra bid-dwal b'kollox
Kien qalibhielna l-qattus...!

Tassew ħadt gost nismagħhom
Jiddieħku ferħanin.
Naħseb li ommi u missieri
Għadhom iħobbu 'l xulxin.
Avolja spiss jiġġieldu
U ġieli f'dik is-saħna
Jgħidu wkoll kliem iebes...
U jien malajr insewwed qalbi ħafna.

Imma llum,
Kif xegħlu s-siġra,
Il-ferħ kien fl-aqwa tiegħu,
Missieri żamm id ommi,
U rajtu jrossha miegħu.
Sabiħa s-siġra tagħna,
Itteptep hekk fis-skiet,
Għax flok żejnuha bil-fidda,
Żejnuha bit-tifkiriet!